**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 19 ta' Ottubru, 2017**

Numru 3

**Rikors Nru. 858/2017**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1215/2017**

**Integrated Business Systems Limited**

**vs**

**Microsoft Ireland Operations Limited**
**Microsoft Malta Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Microsoft Ireland Operations Limited u Microsoft Malta Limited tal-20 ta' Settembru 2017 ghar-revoka ta' mandat ta' inibizzjoni 1215/2017 mahrug fil-konfront taghha minn Integrated Business Systems Limited a bazi tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 cioe ghax l-ammont mitlub mhux prima facie gustifikat jew ecessiv u a bazi tal-artikolu 836(1)(f) ghax fic-cirkostanzi mhux ragonevoli li jinzamm fis-sehh fit-totalita tieghu jew parti minnu. Sussidjarjament intalab l-impozizzjoni ta' penali a bazi tal-artikolu 836(8)(b), (c), u (d) u hrug ta' garanzija a bazi tal-arikolu 838A tal-Kap. 12.

In oltre issostni li t-talbiet milqugha bil-mandat ta' inibizzjoni jaghmluha impossibbli ghas-socjetajiet Microsoft li jadixxu ruhhom maghhom. Id-digriet tal-Qorti fil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni qed jaghti l-fakulta lis-socjeta IBSL li tnehha li trid mill-

programm istallat u qed jigi deciz il-mertu meta dan hu suppost mandat kawtelatorju u l-mertu cioe jekk dak pretiz bhala dritt intelletwali mis-socjeta IBSL ghadu mhux definit b'decizjoni tal-Qorti. Il-mandat qed jigu wzat mhux biex jitwaqqaf xi hadd milli jaghmel xi haga izda qed jintuza biex terzi jigu mwaqqfa milli juzaw dak li xtraw.

B'zieda ma' dan is-socjetajiet Microsoft isostnu illi Microsoft Ireland Operations Limited ma ghandhom ebda kontroll fuq l-end users li maghhom ma hemm ebda relazzjoni guridika. Ir-relazzjoni hi biss mal-partners taghha li tkun akkordatilhom developer licence. Id-digriet tal-Qorti li bih intlaqa' l-mandat ta' inibizzjoni hu wiesa wisq billi fil-fatt qed tigi prekluza milli tippermetti l-uzu tal-licenzja taghha mal-partners sakemm tittiehed azzjoni (cioe it-tnehhija tal-customisation u add ons) li fuqha hi ma ghandha ebda kontroll. Dan ukoll ifisser li qed jigi sospiz ftehim validu bejn Microsoft u l-partners taghha. Hu difficli li wiehed jiddetermina t-tifsira tal-mandat u l-limitazzjonijiet impost, liema ezercizzju, kif inhu redatt id-digriet tal-hrug tal-mandat hu wiehed ipotetiku u spekulattiv.

Fit-tielet lok is-socjetajiet Microsoft iqisu illi t-talbiet kif milqugha xprunaw lil IBSL tibghat ittra lill-end users biex ma jaghmlux uzu mill-programm Dynamics NAV minghajr kunsens ta' IBSL jew altrimenti jhallsu kumpens jew ihalluha thassar is-software. Is-socjetajiet Microsoft izidu li anki kieku l-mandat jithalla ghandu jigi limitat ghal dak necessarju u strettament mehtieg ghal kawtela tad-drittijiet ta' IBSL.

Is-socjetajiet Microsoft issostnu li d-danni mitluba fil-kawza fil-mertu huma gie kawtelat bil-hrug ta' mandat ta' sekwestru 1145/2017 u depozitu maghmul mis-socjetajiet Microsoft.

Il-Qorti ser titratta dawn l-ilmenti wara li hadet konjizzjoni tar-risposta ta' IBSL u t-trattazzjonijiet li saru mid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

L-ahhar ilment tas-socjetajiet Microsoft ma fihomx mertu. Meta l-Qorti laqghet it-talba ghal hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fid-digriet taghha tal-25 ta' Awwissu 2017, hadet in konsiderazzjoni il-fatt li d-dritt ghad-danni ma jippreklidix lil Qorti mili tipprotegi d-

dritt pretiz fih innifsu li a kawza tal-ksur tieghu wiehed qed isofri d-dannu. Jizdied illi meta intlaqa' l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni, kien gia hemm sekwestru kontra s-socjetajiet Microsoft ghal ammont ferm akbar liema ammont gie ridott minn din il-Qorti kif preseduta.

L-ilmenti l-ohra ser jigu trattati flimkien. Il-Qorti tqis li l-argumenti mqajma rigward l-ittra li ntbaghtet minn IBSL lil end users ma ghandhiex tinkomprometti dak deciz mill-Qorti fil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni. Del resto kienet l-istess Qorti illi fid-decide taghha ordnat bhala rimedju alternattiv, it-tnehhija taz-zidiet li ghamlet IBSL u li hi tqishom bhala protetti qua dritt intellettwali indipendenti mill-programm ghalkemm formanti parti minnu.

Fi kwalunkwe kaz il-Qorti tirribadixxi l-principju illi la darba l-Qorti tkun qieset sew ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz u iddecidiet dwaru, dejjem fuq bazi prima facie, talba ghal hrug ta' kontromandat ghandha issir biss fil-limiti stretti tal-artikolu 836. Ma ghandhiex din il-Qorti titqies bhala Qorti ta' revizjoni fuq l-istess fatti decizi izda biss li tqis lanjanzi li jaqghu fil-limiti tal-ligi fejn jista' jigi akkordat il-hrug ta' kontromandat. Ghalkemm, kif qalet il-Qorti fil-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, li ma hiex marbuta ma' digriet ta'cahda ghal hrug precedenti tal-istess mandat, din il-Qorti tqis illi d-diskrezzjoni tal-Qorti ghandha tintuza bil-qies u l-prudenza. Din il-Qorti adita biex tinvestiga hemmx lok ghal hrug ta' kontromandat ghandha tqis dak deciz mill-Qorti li hargitu fil-perspetiva ta' dak li sehh quddiem dik il-Qorti. Din il-Qorti hi konvinta illi ingiebu argumenti kopjuzu u dokumentazzjoni voluminuza li l-Qorti li akkordat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fliet bir-reqqa. Il-kompitu ta' din il-Qorti mhix dik li terga' tqis dawn l-argumenti. Dak li pero jispetta tqis il-Qorti hu jekk dak id-digriet ta' hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kienx fih xi ghelt marbut mal-parametri ta' dak mitlub ghat-tnehhija tieghu.

Il-Qorti tqis illi kif gia rilevat li ma hemmx lok jew raguni ghaliex ghandha tqis bhala gustifikat li l-ammont mitlub mhux prima facie gustifikat jew eccessiv a bazi tal-artikolu 836(1)(d). Fil-fatt il-hrug tal-mandat lanqas kien jirrifletti xi valur izda dritt intelletwali fih innifsu.

Il-Qorti pero ghandha riservi serji dwar il-gustifikazzjoni li jinzamm fis-sehh mandat li jikkolpixxi drittijiet li ex admissis mhux parti mid-drittijiet reklamati mill-IBSL. Il-Qorti hi tal-fehma li n-nuqqas ta’ gustifikazzjoni msemmi fl-artikolu 836(1)(f) ma ghandhiex tkun marbuta ma’ xi fatt jew cirkostanza li irrizultat wara li l-hrug tal-mandat ghax dan ma tghidux il-ligi. Dak li jrid jigi stabbilit hu illi jekk hemmx raguni, li l-prova taghha tinkombi lil min jallegaha, li tiggustifika bdil in parti jew revoka totali tal-mandat gia mahrug ghax jitqies fic-cirkostanzi mhux ragjonevoli li l-mandat jibqa’ fis-sehh. Wara li l-Qorti hasbet fuq din il-kwistjoni tqis illi bil-mod kif il-Qorti laqghet il-hrug tal-mandat ma gewx kunsidrati drittijiet ta’ min ikkreja l-programm innifsu ghal bejgh fis-suq, drittijiet tal-akkwirent tal-licenzja fuq il-programm u l-binja tal-istess programm biex jisvolgi l-funzjonijiet li jixtieq l-akkwirent tal-licenzja fuq il-programm inkluz kull modifika jew funzjoni rikjesta oltre dawk istallati mill-authorised partner ta’ Microsoft f’dak iz-zmien l-IBSL li ma jitqiesux bhala customisations jew add ons li fuqhom IBSL qed tirreklama drittijiet intellettwali formanti parti mill-patrimonju taghha.

Il-Qorti ordnat fil-mori ta’ dawn il-proceduri sabiex is-socjeta IBSL tesebixxi lista tal-customisations u add ons provduti lil klijenti kollha taghha cioe l-end users kif fil-fatt sar. Madankollu l-Qorti tqis illi mit-trattazzjonijiet li saru u l-kweziti tal-Qorti ma nghatatx risposta cara jekk it-tnehhija tal-customisations u add ons reklamati bhala proprjeta taghha minn IBSL, b’mod provvizorju, pendenti l-ezitu tal-kawza fil-mertu, liema fakolta tifforma parti mill-mandat ta’ inibizzjoni biex ikompli jintuza l-programm, kienitx ser issir hsara jew thassir ta’ data jew informazzjoni li tinsab fil-computers li qed juzaw is-sistema istallata, inkluz l-uzu efficjenti u effettiv tal-istess, anki meta jkun hemm xi hsara. B’dan id-dubju serju l-Qorti mhix komda bid-digriet li kien inghata fil-25 ta’ Awwissu 2017, ghax imur ben oltre dak li ghandu jigi protett skond il-pretensjonijiet ta’ IBSL. B’zieda ma’ dan il-Qorti tqis illi l-l-Qorti li harget il-mandat ma qisitx jekk l-element esenzjali tad-dannu irreparibbli ghas-socjeta IBSL kontra il-hrug tal-mandat kienx effettivament gie pruvat jew jekk fil-fatt jezistix. Fl-ahhar nett l-ewwel Qorti jidher li skartat il-principju illi effettivament bil-hrug tal-mandat ma hux qed jigi protett il-principju ’di non fare’ izda b’mod indirett kien qed jigi kolpit l-uzu legittimu fuq il-programm ta’ dak kollu li effettivament mhux mertu tal-vertenza bejn il-partijiet.

Fic-cirkostanzi l-Qorti qieset id-drittijiet rispettivi tal-partijiet involuti inkluz terzi mhix parti f'dan il-mandat izda milquta indirettament bl-effetti tal-mandat, fejn dritt ta' wiehed qed jimpingi fuq dritt ta' iehor li huma marbutin ma' xulxin u mhux pruvat li jezistu indipendenti minn xulxin. Tenut kont ukoll li d-dritt pretiz tas-socjeta IBSL mhux ippregudikat irrimedjabilment jekk il-mandat ma jinharigx ossia jigi revokat stante li dak li qed tippretendi b'mod primarju s-socjeta IBSL fil-mertu tal-kawza istitwita minnha hu li tinghata kumpens jew danni ghal vjolazzjoni kontinwata tad-dritt taghha u t-twaqqif ta' tali uzu dejjem jekk id-dritt jigi stabbilit fil-mertu, il-Qorti tqis li mhux ragonevoli li f'dawn ic-cirkostanzi l-mandat jinzamm fis-sehh.

**Decide**

Il-Qorti ghalhekk fic-cirkostanzi qed tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni 1215/2017. Ma hemmx lok ghal ghoti ta' garanzija ghax il-mandat gie revokat u lanqas hemm lok ghal impozizzjoni ta' multi fic-cirkostanzi u singolari tal-kaz. Spejjez jibqghu bla taxxa.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur